MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 672/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Chris Cutajar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm233.61) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* skond *Client Contract* Number 8771 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2003 u Mejju 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u u tlieta u tletin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm233.61), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003 sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Dicembru, 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------